**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1780**

**tat-23 ta' Settembru 2019**

**li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 ("Formuli Elettroniċi")**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 32(1), 52(2) u 64 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE ([5]), u b'mod partikolari l-Artikoli 51(1), 75(3) u 79(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([6]), u b'mod partikolari l-Artikoli 71(1), 92(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 96(2) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

(1) Id-Direttivi 89/665/KEE u 2014/24/UE jirrikjedu li ċerti kuntratti għax-xogħlijiet pubbliċi, ċerti kuntratti għall-provvista pubblika u ċerti kuntratti għas-servizzi pubbliċi jiġu rreklamati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-avviżi għal dawk il-pubblikazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu l-informazzjoni stabbilita f'dawk id-Direttivi.

(2) Id-Direttivi 92/13/KEE u 2014/25/UE jirrikjedu li ċerti kuntratti għax-xogħlijiet, ċerti kuntratti għall-provvista u ċerti kuntratti għas-servizzi fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali jiġu rreklamati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-avviżi għal dawk il-pubblikazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu l-informazzjoni stabbilita f'dawk id-Direttivi.

(3) Id-Direttiva 2009/81/KE tirrikjedi li ċerti kuntratti għax-xogħlijiet, ċerti kuntratti għall-provvista u ċerti kuntratti għas-servizzi fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà jiġu rreklamati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-avviżi għal dik il-pubblikazzjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita f'dik id-Direttiva.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33.
([2]) ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14.
([3]) ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.
([4]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.
([5]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.
([6]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

(4) Id-Direttivi 89/665/KEE, 92/13/KEE u 2014/23/UE jirrikjedu li ċerti konċessjonijiet għax-xogħlijiet u ċerti konċessjonijiet għas-servizzi jiġu rreklamati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-avviżi għal dawk il-pubblikazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu l-informazzjoni stabbilita f'dawk id-Direttivi.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 [7] jistabbilixxi l-formoli standard previsti bid-Direttivi 89/665/KEE, 92/13/KEE, 2009/81/KE, 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE.

(6) L-akkwist pubbliku għaddej minn trasformazzjoni diġitali, kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu Naġġornaw is-Suq Uniku [8] kif ukoll fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu Nagħmlu l-Akkwist Pubbliku jaħdem fl-Ewropa u għaliha [9]. Il-formoli standard huma strumentali f'din it-trasformazzjoni.

(7) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-formoli standard f'ambjent diġitali, jeħtieġ li l-formoli standard stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 jiġu adattati. Minħabba l-għadd u l-firxa tal-aġġustamenti meħtieġa, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 jiġi sostitwit.

(8) Kif stabbilit fl-Artikolu 33(2) tad-Direttiva 2014/23/UE, fl-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, fl-Artikolu 71 (2) tad-Direttiva 2014/25/UE, l-avviżi huma fajls elettroniċi u mhux dokumenti stampati. Sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipju ta' "darba biss" fil-gvern elettroniku, u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiżdied l-affidabbiltà tad-*data*, u sabiex tiġi ffaċilitata l-pubblikazzjoni volontarja ta' avviżi li l-valur tagħhom ikun taħt il-livell limitu tal-UE jew li jkunu bbażati fuq ftehimiet qafas, jenħtieġ li tali formoli standard jiġu stabbiliti b'mod li jkunu jistgħu jimtlew awtomatikament b'informazzjoni minn avviżi, speċifikazzjonijiet tekniċi, offerti, kuntratti u reġistri amministrattivi nazzjonali preċedenti, kif ukoll minn sorsi oħra ta' *data*. Fl-aħħar mill-aħħar, jenħtieġ li tali formoli ma jkollhomx għalfejn jibqgħu jimtlew manwalment, iżda jenħtieġ li jiġu ġġenerati awtomatikament minn sistemi tas-softwer.

(9) Sabiex jiġu evitati problemi ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti formoli standard filwaqt li jiġu kkunsidrati s-sistemi tas-softwer li fihom se jiġu implimentati. Dan jinkludi sistemi ta' skambju tad-*data*, interfaċċi tal-utenti li jivvalidaw l-input manwali, u siti web tal-pubblikazzjoni li jippreżentaw l-informazzjoni f'avviżi. L-informazzjoni jenħtieġ li tiġi ppreżentata b'mod li jattira l-operaturi ekonomiċi u utenti oħra.

(10) Sabiex l-implimentazzjoni tkun tista' ssir skont l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-awtoritajiet tagħhom ikollhom flessibbiltà sinifikanti biex jistabbilixxu s-sistemi tas-softwer tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun possibbli li l-entrati tad-*data* stabbiliti f'dan ir-Regolament jintwerew fi kwalunkwe ordni u bħala parti minn kwalunkwe tikketta, diment li t-tifsiriet tat-tikketti jikkorrispondu mad-deskrizzjonijiet stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġu ssodisfati ħtiġijiet differenti fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali, l-entrati tad-*data* li dan ir-Regolament jistabbilixxi bħala fakultattivi fil-livell tal-UE, ma hemmx għalfejn jintwerew lill-utenti finali (eż. ix-xerrejja ma għandhomx għalfejn jarawhom jew jimlewhom) jew, għall-kuntrarju, jaf ikunu meħtieġa b'mod obbligatorju fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali.

(11) Id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u d-data tat-tħassir tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 jenħtieġ li jirriflettu ż-żmien meħtieġ biex jitħejjew il-verżjonijiet elettroniċi tal-formoli standard li jintużaw għall-iskambju reali tad-*data*.

---

[7] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 842/2011 (ĠU L 296, 12.11.2015, p. 1).

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (COM(2015) 550).

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (COM(2017) 572).

(12) Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi fil-ħtiġijiet u fit-teknoloġiji tal-Istati Membri fil-qasam tad-*data* dwar l-akkwist, filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-konformità mal-Artikolu 52(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, mal-Artikolu 72(2) tad-Direttiva 2014/25/UE u mal-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2009/81/KE, jenħtieġ li entrati fakultattivi tad-*data* jiżdiedu regolarment ma' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib dawn l-iżviluppi, se tiġbor feedback ieħor mill-utenti, u kull sena se tirrieżamina l-ħtieġa għal aġġornament ta' dan ir-Regolament. Sakemm ma jkunux inevitabbli, jenħtieġ li tali aġġornamenti ma jimplikawx bidliet obbligatorji ta' sistemi tas-softwer fl-Istati Membri.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-formoli standard li ġejjin:

(1) "Ippjanar"

(2) "Kompetizzjoni"

(3) "Notifika minn qabel tal-għoti dirett"

(4) "Riżultat"

(5) "Modifika fil-kuntratt"

(6) "Bidla"

2. Il-formoli standard imsemmija fil-paragrafu 1 jikkonsistu mill-entrati tad-*data* stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

**Użu**

Il-formoli standard imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jintużaw għall-pubblikazzjoni tal-avviżi li ġejjin f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*:

(1) "Formola tal-ippjanar": għall-avviżi msemmija fl-Artikoli 27(2), 28(3) u 48(1) tad-Direttiva 2014/24/UE; l-Artikoli 45(2) u 67(1) tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikoli 30(1) u 33(3) tad-Direttiva 2009/81/KE;

(2) "Formola tal-kompetizzjoni": għall-avviżi msemmija fl-Artikoli 48(2), 49, 75(1)(a), 75(1)(b) u 79(1) tad-Direttiva 2014/24/UE; l-Artikoli 67(2), 68, 69, 92(1)(a), 92(1)(b), 92(1)(c) u l-ewwel subparagrafu ta' 96(1) tad-Direttiva 2014/25/UE; l-Artikoli 31(1) u 31(3) tad-Direttiva 2014/23/UE u l-Artikoli 30(2) u 52(1) tad-Direttiva 2009/81/KE;

(3) "Formola tan-notifika minn qabel tal-għoti dirett": għall-avviżi msemmija fl-Artikoli 3a tad-Direttiva 89/665/KEE u 92/13/KEE;

(4) "Formola tar-riżultat": għall-avviżi msemmija fl-Artikoli 50, 75(2) u 79(2) tad-Direttiva 2014/24/UE; l-Artikoli 70, 92(2), u t-tielet subparagrafu ta' 96(1) tad-Direttiva 2014/25/UE; l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/23/UE u l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2009/81/KE;

(5) “Formola tal-Modifika fil-Kuntratt”: għall-avviżi msemmija fl-Artikolu 72(1) tad-Direttiva 2014/24/UE; l-Artikolu 89 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 43(1) tad-Direttiva 2014/23/UE.

(6) “Formola tal-bidla”: għall-bidla jew għall-kanċellazzjoni tal-avviżi elenkati hawn fuq.

*Artikolu 3*

**Tħassir**

Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 jitħassar b’effett mill-25 ta’ Ottubru 2023.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta’ Novembru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta’ Settembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

Il-formoli standard fihom entrati tad-*data*. Formola standard b'informazzjoni xierqa fl-entrati tagħha hija avviż.

Il-formoli standard u l-avviżi jużaw entrati obbligatorji u fakultattivi.

(a) L-entrati obbligatorji għandhom jiġu inklużi fil-formoli standard u fl-avviżi, u għandu jkun fihom l-informazzjoni, sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kundizzjonijiet (ara hawn taħt).

(b) L-entrati fakultattivi jistgħu jiġu inklużi fil-formoli standard u fl-avviżi, u jista' jkun fihom l-informazzjoni.

Il-formati u l-proċeduri biex jintbagħtu l-avviżi, kif stabbilit skont il-punt tlieta tal-Anness VIII tad-Direttiva 2014/24/UE, tal-Anness IX tad-Direttiva 2014/25/UE u tal-Anness VI tad-Direttiva 2009/81/KE, u l-punt tnejn tal-Anness IX tad-Direttiva 2014/23/UE, għandhom jinkludu kundizzjonijiet fejn l-entrati obbligatorji ma jkunux applikabbli. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom iqisu esklużivament il-kuntest ta' avviż konkret jew ta' proċedura (pereżempju, l-entrati dwar il-ftehimiet qafas ma għandhomx ikunu obbligatorji jekk proċedura ma tinkludix ftehim qafas).

Il-formati u l-proċeduri biex jintbagħtu l-avviżi għandhom jistabbilixxu wkoll liema entrati huma obbligatorji u liema huma fakultattivi għal avviżi ppubblikati skont l-Artikolu 51(6) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 71(6) tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2009/81/KE.

It-Tabella 1 u t-Tabella 2 ta' hawn taħt jistabbilixxu liema entrati jintużaw fil-formoli standard u fl-avviżi individwali.

STRUZZJONIJIET BIEX TINFTIEHEM IT-TABELLA 1

Il-formoli standard fil-kolonna 1 jużaw l-entrati msemmija fil-kolonna 2 (u elenkati fit-Tabella 2) meta jintużaw għall-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija fil-kolonna 3. Sabiex tkun tista' tinftiehem aħjar, il-kolonna 4 fiha deskrizzjonijiet tal-kolonna 3. Barra minn hekk, kwalunkwe formola standard jew avviż jaf ikun fih(a) entrati mid-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/7 ([1]).

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/7 tal-5 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi formola standard għad-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist (ĠU L 3, 6.1.2016, p. 16).

*Tabella 1*

**Formoli, avviżi u entrati**

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| Il-formola standard: | għandu jkun fiha l-entrati elenkati fi: | meta tintuża għall-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija fi: | (Deskrizzjoni tal-avviż) |
| Ippjanar | Tabella 2, kolonna 1 | L-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż tal-pubblikazzjoni ta' avviż informattiv minn qabel fuq profil ta' xerrej – Direttiva ġenerali |
| | Tabella 2, kolonna 2 | L-Artikolu 67(1) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż tal-pubblikazzjoni ta' avviż indikattiv perjodiku fuq profil ta' xerrej – Direttiva settorjali |
| | Tabella 2, kolonna 3 | It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2009/81/KE | Avviż tal-pubblikazzjoni ta' avviż informattiv minn qabel fuq profil ta' xerrej – Direttiva dwar id-difiża |
| | Tabella 2, kolonna 4 | L-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż informattiv minn qabel li jintuża biss għall-informazzjoni — Direttiva ġenerali |
| | Tabella 2, kolonna 5 | L-Artikolu 67(1) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż indikattiv perjodiku li jintuża biss għall-informazzjoni — Direttiva settorjali |
| | Tabella 2, kolonna 6 | L-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2009/81/KE | Avviż informattiv minn qabel li jintuża biss għall-informazzjoni — Direttiva dwar id-difiża |
| | Tabella 2, kolonna 7 | L-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2014/24/UE,<br>L-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż informattiv minn qabel li jintuża biex jitqassru l-limiti ta' żmien għat-tressiq tal-offerti – Direttiva ġenerali |
| | Tabella 2, kolonna 8 | L-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż indikattiv perjodiku li jintuża biex jitqassru l-limiti ta' żmien għat-tressiq tal-offerti – Direttiva settorjali |
| | Tabella 2, kolonna 9 | L-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2009/81/KE | Avviż informattiv minn qabel li jintuża biex jitqassru l-limiti ta' żmien għat-tressiq tal-offerti – Direttiva dwar id-difiża |

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| Il-formola standard: | għandu jkun fiha l-entrati elenkati fi: | meta tintuża għall-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija fi: | (Deskrizzjoni tal-avviż) |
| Kompetizzjoni | Tabella 2, kolonna 10 | L-Artikolu 48(2) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż informattiv minn qabel li jintuża bħala sejħa għall-kompetizzjoni – Direttiva ġenerali, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 11 | L-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż indikattiv perjodiku li jintuża bħala sejħa għall-kompetizzjoni – Direttiva settorjali, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 12 | L-Artikolu 75(1)(b) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż informattiv minn qabel li jintuża bħala sejħa għall-kompetizzjoni – Direttiva ġenerali, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 13 | L-Artikolu 92(1)(b) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż indikattiv perjodiku li jintuża bħala sejħa għall-kompetizzjoni – Direttiva settorjali, reġim issimplifikat |
| | Tabella 2, kolonna 14 | L-Artikolu 31(3) tad-Direttiva 2014/23/UE | Avviż informattiv minn qabel li jintuża bħala sejħa għall-kompetizzjoni – Direttiva dwar il-konċessjonijiet, reġim issimplifikat |
| | Tabella 2, kolonna 15 | L-Artikolu 68 tad-Direttiva 2014/25/UE, L-Artikolu 92(1)(c) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika – Direttiva settorjali |
| | Tabella 2, kolonna 16 | L-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż ta' kuntratt – Direttiva ġenerali, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 17 | L-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż ta' kuntratt – Direttiva settorjali, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 18 | L-Artikolu 30(2) tad-Direttiva 2009/81/KE | Avviż ta' kuntratt – Direttiva dwar id-difiża, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 19 | L-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 2014/23/UE | Avviż ta' konċessjoni – Direttiva dwar il-konċessjonijiet, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 20 | L-Artikolu 75(1)(a) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż ta' kuntratt – Direttiva ġenerali, reġim issimplifikat |
| | Tabella 2, kolonna 21 | L-Artikolu 92(1)(a) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż ta' kuntratt – Direttiva settorjali, reġim issimplifikat |
| | Tabella 2, kolonna 22 | L-Artikolu 52(1) tad-Direttiva 2009/81/KE | Avviż ta' sottokuntratt — Direttiva dwar id-difiża |
| | Tabella 2, kolonna 23 | L-Artikolu 79(1) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż dwar konkors ta' disinn – Direttiva ġenerali, id-disinn |
| | Tabella 2, kolonna 24 | L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 96(1) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż dwar konkors ta' disinn – Direttiva settorjali, id-disinn |

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| Il-formola standard: | għandu jkun fiha l-entrati elenkati fi: | meta tintuża għall-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija fi: | (Deskrizzjoni tal-avviż) |
| Notifika minn qabel tal-għoti dirett | Tabella 2, kolonna 25 | L-Artikolu 3a tad-Direttiva 89/665/KEE | Avviż ta' trasparenza *ex ante* volontarja – Direttiva ġenerali |
| | Tabella 2, kolonna 26 | L-Artikolu 3a tad-Direttiva 92/13/KEE | Avviż ta' trasparenza *ex ante* volontarja – Direttiva settorjali |
| | Tabella 2, kolonna 27 | L-Artikolu 64 tad-Direttiva 2009/81/KE | Avviż ta' trasparenza *ex ante* volontarja – Direttiva dwar id-difiża |
| | Tabella 2, kolonna 28 | L-Artikolu 3a tad-Direttivi 89/665/KEE u 92/13/KEE | Avviż ta' trasparenza *ex ante* volontarja – Direttiva dwar il-konċessjonijiet |
| Riżultat | Tabella 2, kolonna 29 | L-Artikolu 50 tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż ta' għoti ta' kuntratt – Direttiva ġenerali, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 30 | L-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż ta' għoti ta' kuntratt – Direttiva settorjali, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 31 | L-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2009/81/KE | Avviż ta' għoti ta' kuntratt – Direttiva dwar id-difiża, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 32 | L-Artikolu 32(2) (referenza għall-Anness VII) tad-Direttiva 2014/23/UE | Avviż ta' għoti ta' konċessjoni – Direttiva dwar il-konċessjonijiet, reġim standard |
| | Tabella 2, kolonna 33 | L-Artikolu 75(2) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż ta' għoti ta' kuntratt – Direttiva ġenerali, reġim issimplifikat |
| | Tabella 2, kolonna 34 | L-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż ta' għoti ta' kuntratt – Direttiva settorjali, reġim issimplifikat |
| | Tabella 2, kolonna 35 | L-Artikolu 32(2) (referenza għall-Anness VIII) tad-Direttiva 2014/23/UE | Avviż ta' għoti ta' konċessjoni – Direttiva dwar il-konċessjonijiet, reġim issimplifikat |
| | Tabella 2, kolonna 36 | L-Artikolu 79(2) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż dwar ir-riżultat ta' konkors ta' disinn – Direttiva ġenerali, id-disinn |
| | Tabella 2, kolonna 37 | It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 96(1) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż dwar ir-riżultat ta' konkors ta' disinn – Direttiva settorjali, id-disinn |

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| Il-formola standard: | għandu jkun fiha l-entrati elenkati fi: | meta tintuża għall-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija fi: | (Deskrizzjoni tal-avviż) |
| Modifika fil-kuntratt | Tabella 2, kolonna 38 | L-Artikolu 72(1) tad-Direttiva 2014/24/UE | Avviż ta' modifika ta' kuntratt – Direttiva ġenerali |
| | Tabella 2, kolonna 39 | L-Artikolu 89(1) tad-Direttiva 2014/25/UE | Avviż ta' modifika ta' kuntratt – Direttiva settorjali |
| | Tabella 2, kolonna 40 | L-Artikolu 43(1) tad-Direttiva 2014/23/UE | Avviż ta' modifika ta' kuntratt – Direttiva dwar il-konċessjonijiet |
| Bidla | kwalunkwe formola standard oħra u t-taqsimiet "Avviż" u "Bidla" mit-Tabella 2 | li tibdel xi avviż elenkat hawn fuq | Avviż tal-bidla |

STRUZZJONIJIET BIEX TINFTIEHEM IT-TABELLA 2

— L-ewwel kolonna fiha informazzjoni dwar il-kollokazzjoni tal-entrata jew tat-taqsima. Kull entrata jew taqsima b'livell ta' "++", "+++" u "++++" hija kkollokata fl-eqreb sezzjoni li tinsab fuqha u li għandha numru iżgħar ta' "+".

— It-tieni u t-tielet kolonni fihom l-ismijiet u d-deskrizzjonijiet tal-entrati (jew tat-taqsimiet).

— Ir-raba' kolonna fiha wieħed mit-tipi ta' *data* li ġejjin:

  — "Indikatur": Din l-entrata għandu jkun fiha "Iva" jew "Le".

  — "Kodiċi": Din l-entrata għandu jkun fiha valuri minn lista predefinita.

  — "Data": Din l-entrata għandu jkun fiha data u informazzjoni iktar dettaljata relatata mal-ħin (bħal-ħin u ż-żona tal-ħin), kif ikun xieraq.

  — "Durata": Din l-entrata għandu jkun fiha durata.

  — "Identifikatur": Din l-entrata għandu jkun fiha sett ta' informazzjoni li jippermetti identifikazzjoni unika.

  — "Numru": Din l-entrata għandu jkun fiha numru.

  — "Test": Din l-entrata għandu jkun fiha test.

  — "URL": Din l-entrata għandu jkun fiha indirizz elettroniku, tipikament lokalizzatur uniformi tar-riżorsi (eż. indirizz web).

  — "Valur": Din l-entrata għandu jkun fiha numru li jirrappreżenta valur monetarju (mingħajr taxxa fuq il-valur miżjud) u kodiċi tal-munita minn lista ta' kodiċijiet tal-muniti.

  — "-": Din ir-ringiela tirrappreżenta taqsima. L-entrati huma raggruppati f'taqsimiet.

  Il-formati u l-proċeduri biex jintbagħtu l-avviżi, kif imsemmi hawn fuq, għandhom jispeċifikaw ukoll listi ta' kodiċijiet u l-identifikaturi applikabbli.

  Ċerti tipi ta' *data* (eż. Data, Durata, Identifikatur, Test, Valur) jistgħu jikkonsistu minn diversi sottoentrati.

— Il-kolonni li jifdal jindikaw liema formoli standard u avviżi jużaw dawn l-entrati b'mod obbligatorju ("O") jew fakultattiv ("F"). L-intestaturi tal-kolonni 1-40 jikkorrispondu għan-numri fit-tieni kolonna tat-Tabella 1 ta' dan l-Anness.

Terminoloġija li tintuża fit-Tabella 2

— "Organizzazzjoni" tirreferi għal persuna ġuridika jew fiżika jew għal entità pubblika.

— "Xerrej" tirreferi għal awtorità kontraenti, entità kontraenti, kuntrattur tad-difiża, organizzazzjoni internazzjonali, jew organizzazzjoni li tagħti kuntratt issussidjat minn awtorità kontraenti; sakemm dawn li ssemmew hawn fuq ma jkunux assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet li ma tkunx organizzazzjoni hi stess, f'liema każ kull organizzazzjoni individwali titqies bħala "xerrej".

— "Rebbieħ" tirreferi għal offerent li jirbaħ il-kuntratt (inkluż offerent li jirbaħ il-kuntratt u li jkun Parti għal ftehim qafas) jew (fil-każ tal-konkorsi tad-disinn) rebbieħ; sakemm l-offerent li jirbaħ il-kuntratt jew ir-rebbieħ ma jkunux grupp ta' organizzazzjonijiet li ma jkunx organizzazzjoni hu stess, f'liema każ kull organizzazzjoni individwali titqies bħala "rebbieħ".

— "Proċedura tal-akkwist" tirreferi għal proċedura tal-akkwist jew għal konkors ta' disinn.

— "Offerta" tirreferi għal offerta jew (f'każ ta' konkorsi ta' disinn) għal proġett.

— "Talba għall-parteċipazzjoni" tirreferi għal talba għall-parteċipazzjoni jew (f'każ ta' konċessjonijiet) għal applikazzjoni.

— "Avviż informattiv minn qabel" tirreferi għal avviż informattiv minn qabel jew għal avviż indikattiv perjodiku (fil-każ tad-Direttiva 2014/25/UE).

— "TED" (Tenders Electronic Daily) hija l-verżjoni online tas-Suppliment ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Nota: Din it-tabella hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali f'format ta' spreadsheet li tista' tinqara iktar faċilment.*

*Tabella 2*

**Entrati fil-formoli standard u fl-avviżi**

| Livell | ID | Isem | Deskrizzjoni | Tip ta' data | Ippjanar | | | | | | | | | Kompetizzjoni | | | | | | | | | | | | | | | DAP | | | | Riżultat | | | | | | | | | Modifikazzjoni tal-Kuntratt | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | 32 | 33 | 34 | 35 | 36 | 37 | 38 | 39 | 40 |
| + | BG-1 | Avviż | Informazzjoni bażika dwar l-avviż. | - | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-04 | Identifikatur tal-Proċedura | L-Identifikatur Ewropew tal-Proċedura tal-Akkwist Pubbliku, identifikatur uniku ta' proċedura tal-akkwist. L-inklużjoni ta' dan l-identifikatur fil-verżjonijiet kollha li ġew ippubblikati ta' dan l-avviż (eż. ippubblikati fuq it-TED, il-portali nazzjonali tal-pubblikazzjonijiet, il-portali reġjonali tal-pubblikazzjonijiet) tippermetti identifikazzjoni unika tal-proċeduri tal-akkwist fl-UE kollha. | Identifikatur | | | | | | | | | | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-701 | Identifikatur tal-Avviż | L-Identifikatur Ewropew tal-Avviż dwar l-Akkwist Pubbliku ta' dan l-avviż. L-inklużjoni ta' dan l-identifikatur fil-verżjonijiet kollha li ġew ippubblikati ta' dan l-avviż (eż. ippubblikati fuq it-TED, il-portali nazzjonali tal-pubblikazzjonijiet, il-portali reġjonali tal-pubblikazzjonijiet) tippermetti identifikazzjoni unika tal-avviżi dwar l-akkwist fl-UE kollha. | Identifikatur | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |

| Livell | ID | Isem | Deskrizzjoni | Tip ta' *data* | Ippjanar | | | | | | | | | Kompetizzjoni | | | | | | | | | | | | | | | DAP | | | | Riżultat | | | | | | | | | Modifikazzjoni tal-Kuntratt | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | 32 | 33 | 34 | 35 | 36 | 37 | 38 | 39 | 40 |
| ++ | BT-757 | Verżjoni tal-Avviż | Il-verżjoni tal-avviż. Din tgħin, pereżempju, biex jiġu evitati żbalji kkawżati minn diversi avviżi dwar xi bidla mibgħuta fl-istess żmien. | Identifikatur | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-01 | Bażi Ġuridika Proċedurali | Il-bażi ġuridika (eż. Direttiva Ewropea, Regolament Ewropew jew liġi nazzjonali) li abbażi tagħha ssir il-proċedura tal-akkwist. | Kodiċi | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-03 | Tip ta' Formola | It-tip ta' formola skont il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist. | Kodiċi | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-02 | Tip ta' Avviż | It-tip ta' avviż skont il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist. | Kodiċi | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-05 | Data tad-Dispaċċ tal-Avviż | Id-data u l-ħin meta l-avviż intbagħat lill-TED. | Data | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-738 | Data Ppreferuta ta' Pubblikazzjoni tal-Avviż | Id-data ppreferuta ta' pubblikazzjoni tal-avviż fuq it-TED (eż. biex tiġi evitata l-pubblikazzjoni waqt btala nazzjonali). | Data | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F |
| ++ | BT-702 | Lingwa Uffiċjali tal-Avviż | Il-lingwa/i li biha/om huwa disponibbli uffiċjalment dan l-avviż. Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi huma ugwalment validi legalment. | Kodiċi | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |

| Livell | ID | Isem | Deskrizzjoni | Tip ta' *data* | Ippjanar | | | | | | | | | Kompetizzjoni | | | | | | | | | | | | | | | DAP | | | | Riżultat | | | | | | | | | Modifikazzjoni tal-Kuntratt | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | 32 | 33 | 34 | 35 | 36 | 37 | 38 | 39 | 40 |
| + | BG-125 | Ippjanar Preċedenti | Informazzjoni dwar avviż informattiv minn qabel jew avviż simili ieħor relatat ma' dan l-avviż. Din l-informazzjoni tista' tvarja għal kull lott. F'każ ta' avviż informattiv minn qabel li ntuża għall-informazzjoni biss, din l-informazzjoni tista' tvarja għal kull parti mill-avviż li iktar tard tista' ssir lott jew proċedura awtonoma. | - | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | | | |
| ++ | BT-125 | Identifikatur tal-Ippjanar Preċedenti | L-identifikatur ta' avviż informattiv minn qabel jew ta' avviż simili ieħor relatat ma' dan l-avviż. | Identifikatur | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | | | |
| ++ | BT-1251 | Identifikatur ta' Parti mill-Ippjanar Preċedenti | L-identifikatur ta' parti minn avviż informattiv minn qabel jew ta' avviż simili ieħor relatat ma' dan l-avviż. | Identifikatur | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | | | |
| + | BG-703 | Organizzazzjoni | Informazzjoni dwar l-organizzazzjoni. Din l-informazzjoni tista' tvarja għal kull lott, għal kull kuntratt, għal kull offerta, eċċ. F'każ ta' avviż informattiv minn qabel li ntuża għall-informazzjoni biss, din l-informazzjoni tista' tvarja għal kull parti mill-avviż li iktar tard tista' ssir lott jew proċedura awtonoma. | - | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |

| Livell | ID | Isem | Deskrizzjoni | Tip ta' *data* | Ippjanar | | | | | | | | | Kompetizzjoni | | | | | | | | | | | | | | | DAP | | | | Riżultat | | | | | | | | | Modifikazzjoni tal-Kuntratt | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | 32 | 33 | 34 | 35 | 36 | 37 | 38 | 39 | 40 |
| ++ | BT-13720 | Identifikatur tat-Taqsima tal-Avviż tal-Organizzazzjoni | Identifikatur ta' taqsima waħda jew iktar f'dan l-avviż. L-informazzjoni fit-taqsima tal-organizzazzjoni tirreferi għal din it-taqsima jew għal dawn it-taqsimiet. | Identifikatur | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-500 | Isem l-Organizzazzjoni | L-isem uffiċjali tal-organizzazzjoni. | Test | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-501 | Identifikatur tal-Organizzazzjoni | Identifikatur tal-organizzazzjoni. Għandhom jingħataw l-identifikaturi kollha tal-organizzazzjoni. | Identifikatur | O | O | F | O | O | F | O | O | F | O | O | O | O | O | O | O | O | F | O | O | O | F | O | O | F | F | F | F | O | O | F | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-16 | Isem Parzjali tal-Organizzazzjoni | L-isem ta' parti minn organizzazzjoni (eż. id-dipartiment rilevanti ta' xerrej kbir). | Test | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F |
| ++ | BT-510 | Triq tal-Organizzazzjoni | L-isem tat-triq, tat-trejqa, tat-triq prinċipali, eċċ., tal-indirizz fiżiku tal-organizzazzjoni u identifikazzjoni ulterjuri (eż. in-numru tal-bini). | Test | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-513 | Belt tal-Organizzazzjoni | L-isem tal-lokalità (il-belt, ir-raħal jew il-villaġġ) tal-indirizz fiżiku tal-organizzazzjoni. | Test | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-512 | Kodiċi Postali tal-Organizzazzjoni | Il-kodiċi postali tal-indirizz fiżiku tal-organizzazzjoni. | Test | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-507 | Sottodiviżjoni tal-Pajjiż tal-Organizzazzjoni | Il-post skont il-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) tal-indirizz fiżiku tal-organizzazzjoni. Irid jintuża l-kodiċi tal-klassifikazzjoni NUTS3. | Kodiċi | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |

| Livell | ID | Isem | Deskrizzjoni | Tip ta' *data* | Ippjanar | | | | | | | | | Kompetizzjoni | | | | | | | | | | | | | | | DAP | | | | Riżultat | | | | | | | | | Modifikazzjoni tal-Kuntratt | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | 32 | 33 | 34 | 35 | 36 | 37 | 38 | 39 | 40 |
| ++ | BT-514 | Kodiċi tal-Pajjiż tal-Organizzazzjoni | Il-pajjiż tal-indirizz fiżiku tal-organizzazzjoni. | Kodiċi | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-502 | Punt ta' Kuntatt tal-Organizzazzjoni | L-isem tad-dipartiment jew punt ta' kuntatt ieħor għall-komunikazzjoni mal-organizzazzjoni. Sabiex jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-*data* personali, il-punt ta' kuntatt jista' jippermetti l-identifikazzjoni ta' persuna fiżika biss meta jkun meħtieġ (fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679 u tar-Regolament (UE) 2018/1725). | Test | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F |
| ++ | BT-506 | Indirizz tal-Email ta' Kuntatt tal-Organizzazzjoni | L-email biex tikkuntattja lill-organizzazzjoni. Sabiex jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-*data* personali, l-email jista' jippermetti l-identifikazzjoni ta' persuna fiżika biss meta jkun meħtieġ (fis-sens tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*). | Test | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-503 | Numru tat-Telefon ta' Kuntatt tal-Organizzazzjoni | In-numru tat-telefon biex tikkuntattja lill-organizzazzjoni. Sabiex jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-*data* personali, in-numru tat-telefon jista' jippermetti l-identifikazzjoni ta' persuna fiżika biss meta jkun meħtieġ (fis-sens tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*). | Test | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |

| Livell | ID | Isem | Deskrizzjoni | Tip ta' *data* | Ippjanar | | | | | | | | | Kompetizzjoni | | | | | | | | | | | | | | | DAP | | | | Riżultat | | | | | | | | | Modifikazzjoni tal-Kuntratt | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | 32 | 33 | 34 | 35 | 36 | 37 | 38 | 39 | 40 |
| ++ | BT-739 | Faks ta' Kuntatt tal-Organizzazzjoni | Il-faks biex tikkuntattja lill-organizzazzjoni. Sabiex jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-*data* personali, il-faks jista' jippermetti l-identifikazzjoni ta' persuna fiżika biss meta jkun meħtieġ (fis-sens tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*). | Test | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-505 | Indirizz Web tal-Organizzazzjoni | Is-sit web tal-organizzazzjoni. | URL | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |
| ++ | BT-509 | Gateway tal-Kunsinna Elettronika tal-Organizzazzjoni | Il-lokalizzatur uniformi tar-riżorsi tal-organizzazzjoni għall-iskambju ta' *data* u ta' dokumenti. | URL | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F |
| ++ | BT-633 | Organizzazzjoni Persuna Fiżika | L-organizzazzjoni tkun persuna fiżika. | Indikatur | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F | F |
| ++ | BT-08 | Rwol tal-Organizzazzjoni | Ir-rwol tal-organizzazzjoni fil-proċedura tal-akkwist (eż. xerrej, rebbieħ). Avviż irid ikun fih l-organizzazzjonijiet kollha fil-proċedura li jkollhom ir-rwol ta' xerrej; rebbieħ; korp ta' rieżami; xerrej li jakkwista provvisti u/jew servizzi maħsuba għal xerrejja oħra; xerrej li jagħti l-kuntratti pubbliċi jew li jikkonkludi ftehimiet qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għal xerrejja oħra. | Kodiċi | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O | O |

| Livell | ID | Isem | Deskrizzjoni | Tip ta' *data* | Ippjanar | | | | | | | | | Kompetizzjoni | | | | | | | | | | | | | | | DAP | | | | Riżultat | | | | | | | | | Modifikazzjoni tal-Kuntratt | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | 32 | 33 | 34 | 35 | 36 | 37 | 38 | 39 | 40 |
